**Rev. Profs. Peter Seracino Inglott**

**FITA AGM Speech 2007**



Grazzi tal-istedina. Nsellem lill-Onorevoli Leo Brincat w s-Sur John Gatt (Permanent Secretary, MIIIT), niehu pjacir nara li hawn attenzjoni lejn dan l-uzu siewi tat-teknologija bhala wahda mis-soluzjonijiet ghal bosta diffikultajiet li nistghu dejjem niltaqghu maghom tul hajjitna.

Id-diffikulta' li sibt jien a kawza tad-diabete, kienet li ghandi macular degeneration. Permezz tal-uzu tal-medicina stajt nwaqqaf il-hsara milli tiggrava. Izda xorta wahda, din il-kundizzjoni naqsitli hafna mill-access li jiena kelli ghal kull forma ta' informazzjoni miktuba.

Permezz ta' ghodda w programmi tal-kompjuter li provdew il-FITA w li wara fittixt nixtri, nista' nzomm livell attiv hafna fejn ghandu x'jaqsam qari ta' kotba u kisba ta' informazzjoni. Aktar milli t-tkabbir tal-kitba nfisha, sibt ta' beneficcju il-possibilita' li nikkonverta mikteb ghall-kelma mitkelma, b'ilsna differenti bhal Ingliz, Taljan u Franciz. B'hekk il-kompjuter ilissen l-informazzjoni li jiena naghtih, kemm jekk ktieb, ittra jew gazzetta.

Kont xortija tajba ghax ohrajn, bhall-habib tieghi Dun Karm Psaila minkejja li kellhom diffikultajiet simili, ma kellhomx a dispozzjoni taghhom it-teknologija w ghajnuna li sibt jien illum il-gurnata. L-uzu tal-kompjuter w l-Internet huma estensjoni ohra tal-possibilitajiet li din it-teknologija qed tipprovdi, w l-beneficcji kbar ghall kull min jista' jehhtieghom illum jew aktar 'l quddiem, huma ovvji.

Ghalhekk nheggeg l-investiment ta' risorsi f'dan il-qasam, w fil-promozjoni ta' servizzi accessibli biex meta nigu bzonn din l-ghajnuna tkun tista' tinghata soluzjoni tajba w f'waqta' bhal ma sibt jien permezz tal-FITA.

Rev. Profs. Peter Seracino Inglott